MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Avviz Numru. 136/2015

**Mediterranean Trading Shipping Company Limited (C-365)**

**Vs**

**Is-socjeta' estera Gigilines Shipping Group**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li gie pprezentat nhar it-8 ta' Mejju 2015 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-

somma ta’ disat elef mija u sittin ewro (€9,160) rapprezentanti bilanc dovut minn somma akbar ghal diversi servizzi provduti bhala agent tal-bastiment “Sand Barge 101” kif indikat fil-fattura datata 19 ta’ Mejju 2014, hawnhekk annessa u mmarkata bhala ‘DOK A’, liema kreditu ghandu privilegg specjali ai termini ta’ l-Artikolu hamsin sub Artikolu ‘G’ (50(g)) tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Liema ammont huwa cert, likwidu u dovut u li hija naqset li thallas minghajr ebda raguni valida fil-ligi u dan nonostante diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-fattura sal-pagament effettiv, minn issa kontra s-socjeta’ konvenuta ngunta in subizzjoni.

Rat illi is-socjeta  konvenuta kienet debitament notifikata skond riferta posittiva tal-Marixxal Mario Mizzi  datat  26 ta’ Mejju   2015 (fol. 7 ).

Rat illi fis-seduta tas-17 ta’ Gunju  2015  is-socjeta’ konvenuta giet imsejha izda ma deheritx,  biex tikkontesta t-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tas-socjeta’ attrici pprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tas-socjeta’ konvenuta dakinhar tas-17 ta’ Gunju 2015.

Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2015 is-socjeta' konvenuta ma dehritx ghas-subizzjoni taghha.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.**

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disat elef mija u sittin ewro (€9,160) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez u bl-imghax legali kif mitluba fir-rikors promotur mis-socjeta' attrici kontra is-socjeta' konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------